# 450 sena mill-Assedju l-Kbir



**Tagħrif miġbur minn Marlene Mangion**

Kien sbieħ il-Ġimgħa t-18 ta' Mejju, 1565 meta flotta Ottomana, immexxija minn Piali' Pashà bħala Ammiral tal-flotta, u Mustaphà Pashà bħala Ġeneral tat-truppi, dehret fuq ix-xefaq ta' Malta. Kienu 200 ix-xwieni li daħlu fix-xatt ta' Marsaxlokk. L-Ottomani niżlu l-art b'40,000 suldat u tellgħu l-kampijiet tagħhom fil-Marsa. F'din il-ġurnata s-Sagrament Imqaddes ġie espost fil-Knejjes kollha u sar talb speċjali biex Alla jgħinna.

L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kien immexxi mill-Gran Mastru Jean Parisot de la Valette. La Valette kellu madwar 9,000 raġel taħt l-armi, li minnhom 592 kienu kavallieri. Il-biċċa l-kbira minnhom kienu irġiel Maltin.

Id-difiża ta' Malta kienet ibbażata prinċipalment fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir. Dawn kienu l-Isla, li kienet imħarsa mill-Forti San Mikiel, il-Birgu li kien imħares mill-Forti Sant Anġlu u l-Forti Sant Iermu li kien fit-tarf ta' l-Għolja Xiberras. La Valette ried jibbaża d-difiża ta' Malta fuq dawn billi kien jaf li l-bliet tal-Imdina u ċ-Ċittadella f'Għawdex, minkejja li kienu mdawwra bis-swar, kienu dgħajfa wisq billi kienu 'l bogħod mill-qalba tad-difiża tal-Ordni.

Mill-bidu kien hemm diżgwit bejn il-Ġenerali Ottomani. Mustaphà ried li jieħu lil Għawdex taħt idejh billi jirbaħ iċ-Ċittadella, u wara jokkupa l-Imdina, biex b'hekk jifdal il-Forti Sant'Iermu, il-Birgu u l-Isla. Piali' ma qabilx mal-pjan għax ried li l-ewwel jikseb Port tajjeb u kenni għall-flotta. Għalhekk Pjali' ried li l-ewwel jiġi attakkat il-Forti Sant'Iermu u wara li jintrebaħ il-Forti, u l-flotta tkun żgura fil-Port ta' Marsamxett, isiru l-attakki biex tintrebaħ il-gżira. Meta tniżżlu t-truppi u twaqqfu l-kampijiet, bdew l-attakki mill-ewwel fuq il-Forti Sant'Iermu.

Wara ġimgħatejn wasal Dragut bil-flotta tiegħu. Żdiedu l-attakki fuq il-Forti li kien meqjus bħala l-iktar wieħed inferjuri mit-tlieta. Minkejja li rebħu l-Forti Sant Iermu, it-Torok ma setgħux jirbħu l-Fortizzi l-oħra.

Il-Kavallieri u l-Maltin li kienu fil-Forti għamlu reżistenza kbira u meta bdew jaqtgħu qalbhom għax kienu waslu fl-aħħar, talbu lil La Valette biex iħallihom iċedu. La Valette bagħat risposta li jekk iċedu jmur hu nnifsu b'nies oħra. Hu ħeles ħafna mill-priġunieri biex ikunu jistgħu jgħinu lill-Kavallieri fl-Assedju. Ingħatat aktar għajnuna, din id-darba mill-poplu malti stess li beda jgħin fit-taqbid billi bdew jitfgħu żejt jagħli u ġebel minn fuq is-swar għal fuq it-Torok taħthom.

Fl-aħħar, wara iżjed minn xahar ġlied, il-Forti Sant'Iermu, mfarrak għal kollox, waqa' f'idejn l-Ottomani fit-23 ta' Ġunju, 1565. It-Torok kellhom tellieqa kontra ż-żmien għax huma riedu jirbħu lil Malta qabel ma jibda l-maltemp tax-xitwa li seta' jagħmilha diffiċli għax-xwieni tagħhom li jbaħħru fil-Mediterran. Barra minn dan, it-Torok kienu qegħdin jibżgħu li tasal l-għajnuna lill-Ordni mill-pajjiżi Nsara. Għalhekk ma' kull jum li kien jgħaddi t-Torok kienu qegħdin jaqtgħu qalbhom iżjed. Wara tlett xhur ta' battalja qalila, kien għadu ma rnexxielhomx jirbħu lil Malta, u barra minn hekk, kienu naqsulhom il-proviżjon u l-ammunizzjon, u għalkemm kienu qed jistennew li jaslulhom dawn, qatt ma waslu.

Meta l-Ottomani daħlu f'Sant'Iermu qabdu l-katavri tal-Kavallieri u l-Maltin, fetħulhom sidirhom forma ta' salib u wara li rabtuhom mal-injam, tefgħuhom fil-port lejn in-naħa tal-Birgu u l-Isla. La Valette b'risposta qata' ras il-priġunieri kollha u ordna li rjushom jiġu sparati lejn Sant'Iermu (li kien f'idejn l-Ottomani). Minbarra it-8,000 raġel l-Ottomani tilfu wkoll lil Dragut innifsu, numru kbir kumparat mal-ammont ħafna iżghar ta' 1,500 nies li tilfu l-Kavallieri.

La Valette talab l-għajnuna lil Viċi Rè ta' Sqallija għal ħafna drabi. Wara xi żmien waslu 1,200 suldat taħt it-tmexxija ta› Don Garcia. La Valette ipprotesta ħafna u qal li ammonti żgħar ta' suldati mhux sa jagħmlu differenza. La Valette, biex ibeżża› lill-Ottomani, kabbar kemm felaħ din l-għajnuna.

Wara li waqa' Sant'Iermu, Mustafà u Piali' dawru ħsiebhom lejn il-Birgu u l-Isla fejn għamlu diversi attakki fuq iż-żewġ postijiet. L-Isla kellha attakk kbir li fih ġiet attakkata minn mijiet ta' suldati minn fuq dgħajjes fil-baħar u mill-art. Il-Birgu wkoll kellha attakk kbir ieħor, imma ġie mwaqqaf meta niżlet il-Kavallerija tal-Ordni mill-Imdina u għamlet ħerba mill-kamp tal-Ottomani.

Fis-7 ta' Settembru waslet l-għajnuna tant mistennija minn Sqallija, dik ta' 7,850 raġel. Il-ġenerali Ottomani sabu li x-xniegħa li kien hemm, dik li ġejja għajnuna kbira minn Sqallija, kienet seħħet, u peress li kien hemm bidu ta' imxija fost it-truppi Ottomani, (minħabba li l-bjar tal-ilma viċin il-kampijiet kienu ġew avvelenati mill-Maltin), u li ukoll kien qiegħed jasal fi tmiemu l-istaġun tat-tbaħħir, iddeċidew li jirtiraw it-truppi tagħhom minn Malta. Għalhekk dakinhar ingħatat l-irtirata ġenerali u sal-għada 8 ta' Settembru, 1565 it-truppi Ottomani kienu ħallew ix-xtut tal-gżejjer Maltin.